# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru: 87/2015**

**Paul u martu Angela Sultana li qed jidhru għan-nom u fl-interess ta' binthom minuri Georgeanne Sultana**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ppremettew:

Illi binthom minuri twieldet nhar is-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) u dan hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u markat Dok A;

Illi fl-istess ċertifikat, isem binthom huwa erronjament imniżżel bħala Georgienne meta fir-realta' isem binthom għandu jkun jinkiteb Georgeanne u dana hekk kif jirriżultza mid-dokumenti kollha tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn effettivament twieldet binthom minuri;

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' binthom minuri bin-numru progressiv mitejn u tnejn u ħamsin tas-sena elfejn

(252/2000) billi fil-kolonna 'Isem il-Wild', l-isem Georgienne jiġi mibdul f'Georgeanne u dan sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet leagli li jistgħu jinqalgħu aktar 'l quddiem minħabba din l-iskorettezza.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt.

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors Ġuramentat.

Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex fis-sens:

Illi rigward it-talba tar-rikorrenti għall-bdil ta' isem ta' binthom fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, l-esponenti jissottometti illi d-dokumenti li r-rikorrenti ppreżentaw mar-rikors tagħhom ma humiex konsistenti, u juru li f'dawn id-dokumenti isem binthom ivarja minn 'Georgienne', 'Georgeanne', Gorgeann' u 'Georgeann';

Illi żgur li dawn il-varjazzjonijiet f'dan l-isem ma jikkostitwixxux prova tal-allegat żball fiċ-ċertifikat tat-twelid in kwistjoni;

Ili difatti l-emenda illi r-rikorrenti jridu li tiġi annotata fuq l-att tat-twelid ta' l-istess bint mhix konsegwenza ta' xi żball tad-Direttur Reġistru Pubbliku iżda peress illi r-rikorrenti jridu li fuq l-att tat-twelid jitniżżel l-isem illi bih ir-rikorrenti hija komunament magħrufa;

Illi nonostanti l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li l-allegat l-iżball in kwistjoni m'huwiex attribbwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Il-Qorti wara li eżaminat l-istess dokumenti u peress li jidhrila li t-talba attriċi hija ġustifikata tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba u

1. Tordna l-korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' bint minuri tal-aturi li bin-numru progressiv mitejn u tnejn u ħamsin tas-sena elfejn (252/2000) billi fil-kolonna 'Isem il-Wild', l-isem Georgienne jiġi mibdul f'Georgeanne.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur